PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9479 — PSA/Saft/ACC)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 18/06)

1. Fl-14 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Peugeot SA ("PSA", Franza), finalment ikkontrollata mill-Groupe PSA (Franza),

— Saft Groupe S.A. ("Saft", France), finalment ikkontrollata minn Total S.A. (Franza),

— Automotive Cells Company ("ACC", Franza), joint venture maħluqa ġdida.

PSA u Saft jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' ACC.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PSA hija prinċipalment manifattur tat-tagħmir u bejjiegħa ta' vetturi bil-mutur, bl-ismijiet tad-ditti Peugeot, Citroën, Opel, Vauxhall u DS,

— Saft hija attiva fil-manifattura u l-provvista ta' batteriji industrijali,

— ACC se tkun attiva fl-iżvilupp, il-manifattura u l-provvista ta' ċelloli u moduli tal-batteriji għal applikazzjonijiet industrijali u tal-karozzi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9479 — PSA/Saft/ACC

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ara r-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË